MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 549/2003

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Antsat Malta Limited u Carmel Joseph u Maria Stella konjugi Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta’ HSBC Bank Malta plc, li permezz taghha, l-istess bank, wara li ppremetta illi:

In forza ta’ kuntratt tat-2 ta’ Awissu 1994, fl-Atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa’, il-bank attur kien ta lis-socjeta’ konvenuta Eurosat Limited, illum Antsat (Malta) Limited, facilita’ bankarja tat-tip *overdraft*, b’liema facilita’ is-socjeta’ konvenuta kellha l-possibilita’ li tigbed somma li ma teccedix il-hamsa u tletin elf Lira (Lm35,000) fuq il-

kont kurrent taghha. Il-kuntratt hawn fuq riferit hu esebit u mmarkat bhala Dokument “A”.

Skond prospett esebit u mmarkat Dokument “B”, il-bilanc dovut mis-socjeta’ konvenuta lill-bank attur huwa ta’ erbgha u tletin elf, seba’ mija u sitta u ghoxrin Lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm34,726.52), bl-imghax semplici bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena mit-2 ta’ Ottubru 2001 – l-ahhar darba li kienu debitati l-imghax fuq il-kont.

Il-bank attur ippermetta lis-socjeta’ konvenuta sabiex din tigbed somma ulterjuri fuq kont kurrent iehor taghha, u li din is-somma llum tilhaq l-ammont ta’ elf, seba’ mija u tnejn u sebghin Lira u erbghin centezmu (Lm1,772.40) skond prospett iehor hawn esebit u mmarkat Dokument “C”, kif ukoll l-imghax semplici bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena mit-2 ta’ Ottubru 2001 – l-ahhar darba li kienu debitati l-imghax fuq il-kont.

Is-socjeta’ konvenuta ddejnet mal-bank attur, is-somma ulterjuri ta’ tlett elef, hames mija u tliet Liri u sebgha u tletin centezmu (Lm3,503.37) fuq credit card Visa numru 4568825010043640, skond prospett hawn esebit u mmarkat bhala Dokument “D”. Din is-somma ukoll iggorr l-imghax semplici bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena mit-2 ta’ Ottubru 2001 – l-ahhar darba li kienu debitati l-imghax fuq il-kont.

Il-konvenut l-iehor Carmel Joseph Farrugia, permezz ta’ kitba ta’ fidejussjoni tat-23 ta’ Frar 1999 – esebita bhala Dokument “E”, dahal bhala garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta, sabiex jaghmel tajjeb ghal kull debitu li l-istess socjeta’ konvenuta jista’ jkollha mal-bank attur.

Wahda mill-kundizzjonijiet tal-ghotja ta’ dawn il-facilitajiet bankarji, hija li l-bank attur dejjem jirrizerva favur tieghu, id-dritt li f’kull waqt jista’ jitlob minghand id-debitur, ir-rifuzjoni ta’ kull bilanc lilu dovut b’semplici rikjesta mitluba.

Permezz ta’ ittra ufficjali tal-15 ta’ Marzu 2002 mibghuta lil kull wiehed mill-konvenuti (Dokument “F”), il-bank attur

interpella lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma fuq imsemmija.

Il-konvenuti naqsu li jwiegbu ghal din is-sejha u naqsu li jhallsu d-debitu lejn il-bank attur minghajr raguni valida fil-ligi.

Il-konvenuta Maria Stella Farrugia naqset milli tiehu azzjoni sabiex tannulla l-imsemmija fidejussjoni entro t-terminu kontemplat mill-Art. 1326(3) tal-Kap. 16 u ghalhekk tinsab vinkolata bl-istess fidejussjoni bhala ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn zewgha l-konvenut l-iehor Carmel Joseph Farrugia.

Ghalhekk, il-konvenuti huma debituri in solidum lejn il-bank attur ghas-somom imsemmija.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara lill-konvenuti in solidum bejniethom bhala debituri tal-bank attur fis-somma komplessiva ta' disgha u tletin elf, disa' mija u tnejn u hamsin Lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm39,952.29), bl-imghax legali mit-2 ta' Ottubru 2001, sal-effettiv hlas.

Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-bank attur, is-somma bl-imghax kif imsemmi fit-talba precedenti, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija, kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmel Joseph u Maria Stella konjugi Farrugia, li in forza taghha eccepew illi:

1. L-eccipjenti Maria Stella Farrugia teccepixxi illi:

a. L-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija qatt ma kienet firmatarja ghad-dokument (fol. 12 – 15) li a bazi tieghu, is-socjeta' attrici

qeghda tippretendi li l-konvenuti konjugi Farrugia huma garanti solidali ghad-dejn tal-kumpanija Antsat Malta Limited. Ghalhekk, l-eccipjenti m’ghandhiex taghmel tajjeb ghall-garanzija li qatt ma tat (ara ukoll Art. 1929 tal-Kodici Civili).

b. Bejn il-konvenuti Farrugia hemm il-komunjoni tal-akkwisti. L-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-ghoti ta’ garanzija huwa att ta’ natura straordinarja u bhala tali ghandu jsir miz-zewg konjugi flimkien. Kif ser jirrizulta mill-provi, l-eccipjenti qatt ma tat il-kunsens taghha ghall-ghoti ta’ garanzija ghad-dejn tal-kumpanija konvenuta.

c. L-eccipjenti tikkontesta dak li qieghed jallega l-bank attur li llum hija vinkolata bhala garanti u minn issa qeghda tirrizerva li tiehu kull azzjoni spettanti lilha skond il-ligi.

L-eccipjenti Carmel Joseph Farrugia jecepixxi illi:

a. Fl-ewwel lok, ghandha tinghata prova li l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici huwa kopert mill-garanzija li tinsab a fol. 12 tal-process.

b. Minghajr pregudizzju ghall-premess, dwar l-imghaxijiet ghandha titressaq prova ta’ meta s-socjeta’ konvenuta twaqqfet milli topera l-facilita’.

c. Fit-talba tas-socjeta’ attrici qieghed jintalab il-hlas ta’ imghax fuq imghax.

BL-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

Rat li s-socjeta’ konvenuta ma pprezentat ebda risposta.

Rat in-nota tas-socjeta’ bankarja HSBC Bank Malta plc u “Li biha tirreduci t-talba taghha fir-rigward tal-Visa Credit Card Account Numru: 4568825010043640 msemmija fir-raba’ premessa tac-citazzjoni bl-ammont ta’ mitejn u tnejn u sebghin Lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm272.91), u ghalhekk, l-ammont dovut ghandu jaqra, tlett elef, mitejn u tletin Lira Maltija u sitta u erbghin

centezmu (Lm3,230.46), oltre l-imghaxijiet legali mit-2 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv".

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fejn il-Qorti dehrilha opportun li tistenna l-ezitu ta' dawn il-kawzi, u dan peress li l-bazi tal-azzjoni attrici kontra l-konjugi Farrugia personalment hija l-istess garanzija personali impunjata.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici, "li biha ccedi t-talba fil-konfront biss u limitatament fir-rigward ta' Maria Stella Farrugia ID 606853(M) stante transazzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti Carmel Joseph Farrugia u Antsat (Malta) Limited, "li biha jammettu t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni" (fol. 82).

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Antsat Malta Limited u Carmel Joseph Farrugia in solidum bejniethom huma debituri tal-bank attur fis-somma ta' tnejn u disghin elf, hames mija u erba' u erbghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€92,544.56), ekwivalenti ghal disgha u tletin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm39,729.38);

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Antsat Malta Limited u Carmel Joseph Farrugia in solidum bejniethom, ihallsu lil HSBC Bank Malta p.l.c., is-somma ta' tnejn u disghin elf, hames mija u erba' u erbghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€92,544.56), ekwivalenti ghal disgha u tletin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm39,729.38).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Carmel Joseph Farrugia u Antsat Malta Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------